**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 8 ta' Lulju 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Assistent Kummissarju Ian Abdilla** iben Carmelo u Josephine nee` Galea mwieled Il-Pieta` u residenti z-Zurrieq, riprodott, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sur Abdilla, taf illi fl-ahhar seduta li gejt hawnhekk inti kont spiccajt billi tghidilna illi ma kontx aware – ma kontx taf b' dak il-parir ta' l-Avukat Generali kif gie irrapportat

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghadek ta' dik l-opinjoni? Ghax fil-fatt irrizulta ..

***Ix-Xhud :***
Il-parir huwa dak li hemm fil-file. Dak jien aware mieghu, kont sar diversi meetings mieghu, imma mhux bil-mod ta' kif gejt il-mistoqsija kienet maghmula; jigifieri l-file qieghed ghandkom, jigifieri l-parir inghata lili u ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nkunu fair mieghek u ma' l-Avukat Generali; il-parir li ta l-Avukat Generali inti kont aware minnu 'il ghaliex qieghed fil-file.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fil-fatt kien hawn gurnalista hawnhekk li meta spiccat id-diskussjoni hadet l-impressjoni korretta li inti ghedtilna iva taf bih; mhux li ma tafx bl-affarijiet..

***Ix-Xhud :***
Il-mod ta' kif ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-mod kif. Issa qed tispjega; il-mod kif inti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni moghtija lil dik il- ..

***Ix-Xhud :***
Il-mod ta' kif saritli d-domanda jiena ma kontx ..imma l-..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ok fair enough, ok.

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` Sur Abdilla, meta inti tieghu l-gurament, mhux ser nghalmek jienm le hux?

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk?!

***Imhallef A Lofaro :***
Tghid illi ha tghid il-verita ` kollha

***Ix-Xhud :***
Iva,. Mela le!

***Imhallef A Lofaro :***
Allura f' dak l-istadju ghalfejn ma ghedtilniex – le ta, mhux hekk kien il-parir, ha nghidilkom kif kien. U tghidilna kif kien.

***Ix-Xhud :***
Jiena Sinjura, il-file..il-file..

***Imhallef A Lofaro :***
Meta inti tiehu l-gurament li tghid il-verita` kollha u xejn hlief il-verita` kollha..

***Ix-Xhud :***
Iva mela, Sinjura, iva nifhem ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghaliex ma ghedtilniex il-verita` kollha l-ahhar darba?

***Ix-Xhud :***
Jiena Sinjura, il-file kien ipprezentat lilkom..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mintix qed twiegeb id-domanda, sorry. Is-soltu storja.

***Ix-Xhud :***
Kont prezenti ghal dawk il-laqghat, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma ghedtilniex imma. Ma ghedtilniex.

***Ix-Xhud :***
Qieghda imnizzla fil-files Sinjura jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ghax qieghda mnizzla fil-files; issa qed tigi infaccat bil-file u qed tghidilna. Imma l-ahhar darba ma ghedtilniex. Kont bil-gurament inti.

***Ix-Xhud :***
Sinjura, il-file kien gie prezentat lilkom qabel xhedt jien, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Allura ghalfejn ma ghedtilniex? Kont taf li nafu ahna.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Prezentat lilna, imma f' idejkom qabel.

***Ix-Xhud :***
Iva da zgur, da zgur Sur Imhallef.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Allura la kont taf! Ejja nghidu li ma kellniex il-file ahna, minn ghandek ma konniex ser insiru nafu ghax ma ghedtilniex, heq!

***Ix-Xhud :***
Imma mhux dik li …

***Imhallef A Lofaro :***
Jiddispjacini, dawk huma l-fatti Sur Abdilla.

***Ix-Xhud :***
…imma jien kont qie nwiegeb ghal dik id-domanda partikolari kif fhimtha jiena Sinjura jigifieri. Jigifieri jekk b' xi mod.. jekk b' xi mod inqast lil dan Bord..jiddispjacini Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Ejja ha nkomplu ghax ser nerghu nehlu,... bhas-soltu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nimxu bicca bicca; mela naqblu illi l-parir qieghed hemm ..

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
.. u li inti kont taf bih.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nahseb li huwa gust anke ghall-Avukat Generali li dan il-parir jigi ppubblikat kif inhu la qieghed fl-atti biex hadd ma jkollu diffikulta`....; ghax ahna ghalhekk ….; trasparenza u kontabilita` u kulhadd responsabbli ghal dak li jaghmel.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal dak kulhadd responsabbli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda hi pero` li issa qed nkunu nafu li kien hemm laqghat fuqu dan; jigifieri li din ma konniex nafu biha qabel b' dawn il-laqghat, sa fejn naf jien.

***Ix-Xhud :***
Fis-sens il-parir jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Anke jekk qeghdin fil-file ta jigifieri!, ahna bhala Bord ma konniex konxji li kien hemm dawn il-laqghat. X' laqghat kienu dawn?

***Ix-Xhud :***
Hemm imnizzel fil-file wkoll.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva x' kienu dawn il-laqghat?

***Ix-Xhud :***
Jiena ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma ghedtilniex minn hemm, min kien prezenti.

***Ix-Xhud :***
Ahna meta nitolbu parir, mhux fuq danil-kaz ta!, fuq il-kazijiet kollha, ma naqbdux il-file u nibaghtuhulu bil-posta lil AG jew ..; hafna drabi jmur l-ispettur jew ..

***Imhallef A Lofaro :***
Tmorru ghandu, l-ufficcju tieghu..

***Ix-Xhud :***
Immorru personalment; jekk ikun parir li ma ghandux ghalfejn jidhol l-Avukat Generali nnifsu insibu jew l-avukat li jkun qed jiehu hsieb il-kaz jew l-avukat ta' l-Ghassa, jew xi avukat iehor li jkun available dak inhar, u normalment ikun jigifieri xi haga ta' diskussjoni bejn il-partijiet..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri inti meetings ma' l-AG kellek fuq din il-..

***Ix-Xhud :***
Iva mjnhabba dan il-parir .. ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kellek. Mela dan il-parir li ghandna miktub hawnhekk fil-file dan gie moghti lilek bill-fomm ukoll minn ghand l-AG?

***Ix-Xhud :***
Iva, iva Sur Imhallef.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kien gie moghti lilek.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri through a meeting illi kellna..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' diskors ..

***Ix-Xhud :***
Ma nafx jekk hux wiehed ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' kienet ir-reazzjoni tieghek meta qed jghidlek dan f' dan il-parir illi there is no proof of underlying criminal activity? X' kienet ir-reazzjoni tieghek ..

***Ix-Xhud :***
Le, ahna..ahna..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
..meta inti kellek ir-rapport tal-FIAU li qed jindikalek mod iehor?

***Ix-Xhud :***
Le le Sur Imhallef, jiddispjacini ta; L-ewwel, ir-rapporti ta' l-FIAU huma precedenti ghal dak jekk minhiex sejjer zball.. ghax ma rridx nizgwida lit-Tribunal; dak il-parir inghata jekk minhiex sejjer zball fis-16 ta' Mejju tat-2016; suppost qieghed iffirmat….

***Imhallef A Lofaro :***
Kien hemm xi haga f' Marzu minghalija wkoll.

***Ix-Xhud :***
Suppost qieghed iffirmat.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienx hemm xi haga f' Marzu wkoll? Hux veru?

***Ix-Xhud :***
Fis-16 ta' Mejju Sinjura

***Chairman Imhallef M Mallia :***
F' Mejju

***Ix-Xhud :***
Tat-2016

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kien hemm xi haga ohra f' Marzu.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri, u dak il-parir kien abbazi ta' l-ewwel ittra, ghax ahna lanqas insejhulha report; l-ewwel ittra li Dr Manfred Galdes kien ghadda lis-Sur Michael Cassar meta bdew jinqalghu dawn l-affarijiet, u din l-ittra – dan ir-rapport, li tista' tista' issejjahlu hekk, kull ma kien jikkonsisti ma kienx rapport normali ta' l-FIAU. Kien a collection of press cuttings prattikament ta' dak kollu li kien qieghed jintqal fil-media f' dak il-mument u gie jaghtihom lill-Kummissarju tal-Pulizija biex..; u kien f' dak id-diskussjonijiet li mbaghad sussegwentement nahseb kont xhedtha fl-ewwel seduta tieghi, konna ghamilna meeting as a consequence ta' dawk il-karti li kien ircieva s-Sur Michael Cassar. Konna ghamilna meeting ma' l-FIAU fejn kont prezenti jiena u xi ufficjali ohra. Minbghalija kien hemm Raymond Aquilina, minhiex cert jekk kienx hemm Antonovich Muscat, ma nafx jekk kienx hemm xi ufficjali ohra.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed nitkellmu dejjem fuq il-Panama Papers.

***Ix-Xhud :***
Fuq l-ewwel parti meta faqqghu l-Panama Papers hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu li dawk il-karti tas-Sur Cassar bihom infitah green file..

***Ix-Xhud :***
Ezatt. L-Operation ..

***Imhallef A Lofaro :***
L-Operation Green

***Ix-Xhud :***
L- Operation Green.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn hemmhekk beda x-xoghol taghkom … , u .. isegwu s-sitwazzjoni

***Ix-Xhud :***
Ezatt. Manfred Galdes kien ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nkunu cari, fi zmien meta l-Panama Papers internazzjonalment kienet harget u allura kienet splodiet il-kwistjoni .. Malta. Hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn hemmhekk bdejtu intom.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri l-parir jew il-laqghat ma' l-Avukat Generali dawna graw wara li infetah dan il-Green file.

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Wara li infetah il-green file. U l-advice huwa frott ta' dawn li ntqal fil-meeetings?

***Ix-Xhud :***
Ma fhimtekx Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-advice jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Il-parir ta' l-AG

***Imhallef J Said Pullicino :***
..huwa frott ta' dak li intqal fil-meeting?

***Ix-Xhud :***
Iva iva;

***Imhallef J Said Pullicino :***
Huwa wkoll.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri wara li ahna tkellikmna ma' Manfred Galdes, jekk kronologikament niftakarha tajjeb, u fil-file hemm imnizzel; wara dak il-meeting li kien kellna ma' Manfred Galdes fejn hemmhekk kien gie ndikat lilna li ahjar tmorru tiehdu l-computers u s-servers ta' Nexia BT, u jekk minhiex sejjer zball anke kien hemm xi diskussjoni anke dwar il-possibbilta` li jittiehdu xi computers governattivi specjalment minn Kastilja; kien hemmhekk li mbaghad jiena hajjejt rapport fuq dak li kien gie diskuss sa dak il-punt, u mbaghad minn hemmhekk kien gie deciz li mmorru niehdu naqra parir minn ghand l-Avukat Generali.

***Imhallef A Lofaro :***
U r-rapport tieghek kien fis-sens li jinstab xi hjiel ta' reat kriminali jew le?

***Ix-Xhud :***
Ir-rapport tieghi kien generali dwar dak li kien gie diskuss Sinjura; jigifieri l-fatti li konna nafu bihom sa dak il-hin.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok; mela mhux conclusion.

***Ix-Xhud :***
No no ma kienx hemm conclusion.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok; u mortu ghand l-AG.

***Ix-Xhud :***
U morna ghand l-AG; jigifieri morna bil-file..

***Imhallef A Lofaro :***
U dan qalilkom ma jaqblilkomx ..

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx jekk kienx meeting wiehed jew kien hemm iktar, imma jigifieri meeting wiehed kien hemm zgur.

***Imhallef A Lofaro :***
Is-Sur Valletta gie mieghek?

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx; nahseb li iva, imma minhiex cert. Nahseb li anke Raymond Aquilina; ma nafx jekk kienux gew Raymond Aquilina u Antonovich Muscat

***Imhallef J Said Pullicino :***
Intom ghalikom din kienet haga serja hu?

***Ix-Xhud :***
X' inhi?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghalikom dan il-file kienet haga serja; haga serja.

***Ix-Xhud :***
Ahna l-files taghna kollha .. serju

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le issa ..kollox serju ..

***Ix-Xhud :***
..imma ovvjament

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le stenna stenna; mhux kollox serju. Dan il-file kien ghalikom serju jew le?

***Ix-Xhud :***
Of course Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kien serju.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien serju

***Ix-Xhud :***
..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghaliex kien jinvolvi li kien jinvolvi wkoll.

***Ix-Xhud :***
Ghax kien hemm certu affarijiet li anke l-azzjonijiet li kellhom jittiehdu; ovvjament dak iz-zmien ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda hija ghax kienu involuti n-nies ukoll li ssemmew, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Of course. Jigifieri kien hemm dak iz-zmien kien hemm dik il-parti ta' Tilgate, Hearnville u l-affarijiet l-ohra, u ahna dik li konna qeghdin naraw

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-parir ta' l-Avukat Generali kitbu hu hux hekk? L-advice ta' l-AG inkiteb minnu

***Ix-Xhud :***
L-advice jekk minhiex sejjer zball hu typed; jigifieri jiena

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kitbu hu, mhux inti ktibtu.

***Ix-Xhud :***
No no no

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hu kitbu

***Ix-Xhud :***
No no, ma tarax!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bil-firma tieghu qieghed ta, imma ..

***Ix-Xhud :***
Lanqas qatt; le Sur Imhallef, lanqas qatt

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nkunu nafu, ghax trid tevita domandi, jigifieri..

***Ix-Xhud :***
Jiena nahdeb jekk issa jigifieri mmur iktar lura nahseb at one point lanqas kitbu f' dak il-hin li konna hemm jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Meta tmorru joqghod jikteb il-parir ..

***Ix-Xhud :***
Most probably jigifieri hallejnielu l-file, u xi granet wara kien cemplilna u qalilna li lest.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U qalilkom li lesta. Fair enough.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` ma rridux ninsew illi l-AG kien joqghod fuq l-FIAU ukoll. Voldieri hu qed jikteb rapport, qed jaghti parir fuq haga li kien jaf diga` konfidenzjalment minn l-FAIU

***Imhallef A Lofaro :***
Kien fuq il-Bord hu; kien fuq il-Bord..

***Ix-Xhud :***
Jien x' kien jaff minn l-FIAU, jiena l-FIAU ma nafx Sur Imhallef, iwegibha hu. Biss jiena minn l-esperjenza tieghi tax-xoghol li jiena ghamilt ma' l-FIAU ma nahsibx li l-Bord ta' l-FIAU kien ikun aware operationally. Issa jekk fuq dan il-kaz specifiku d-direttur ta' l-FIAU tkellimx mal-Bord jien ma kontx prezenti, ma nistax nitkellem fuqha

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala fatt, bhala fatt huwa illi l-AG dak iz-zmien kien joqghod fuq il-Bord ta' l-FIAU.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax issa inbidlu l-affarijiet; issa ma ghadhomx hekk,.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illum inbidlu.

***Ix-Xhud :***
Illum inbidlu Sur Imhallef iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu wkoll illi l-AG ma qlilkomx 'tmexxux'; qalilkom - oqghodu attenti.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U intom qaghadtu attenti.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu; jigifieri l-AG il-parir li tana….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhimni, kemm qaghadtu attenti intom?

***Ix-Xhud :***
Le, il-parir li tana kien li we exercise a lot of caution anke minhabba ragunijiet; 1) ragunijiet legali li anke jistghu jesponu lill-Korp tal-Pulizija bhala ghal kawzi civili li jista' ikun hemm ghal danni; u anke minhabba reasonable suspicion. Kien ghalhekk Sur Imhallef li sussegwentement ahna fuq dak il-parir ghedna - ejja nistennew l-ewwel rapport, it-tieni rapporti. Ghax inti ftakar, li ahna l-main aim taghna kienet Hearnville u Tillgate li kienu suppost ghandhom jircievu flus jew minn 17 Black jew minn Macbridge. Jigifieri idealment dak kien il-crux ta' dik l-investigazzjoni kollha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma nixtieqx nidhol wisq fiha din; pero` ifhimni, intom qeghdin hemm mhux biex taqbdu l-halliel, biex jekk jista' ikun il-halliel ma jisraqx.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu; mhux tirreagixxu wara!

***Imhallef J Said Pullicino :***
U ghalhekk ahna fil-kodici taghna l-idea tat-tentattiv. Jigifieri issa inti ikkonsidrajtu l-elementi tat-tentattiv tar-reat jekk kienx hemm .. gara dan jekk kienx hemm ..

***Ix-Xhud :***
Iva ahna kkonsidrajna kollox u fic-cirkostanzi iddecidejna li ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma iddecidejtu li ma taghmlu xejn qabel ma jkun hemm rapport iehor.

***Ix-Xhud :***
Mhux li ma naghmlu xejn. Ftakar Sur Imhallef li l-advice gie ghan-nofs Mejju, 16th May. L-FIAU kienu informawna li f' inqas minjn xahar bejn wiehed u iehor kien ser jigi l-ewwel rapport, kif fil-fatt gara. F' Lulju kien gie l-ewwel rapport, u minn hemmhekk bdejna x-xoghol fuq dak l-ewwel rapport. Sfortunatament l-ewwel rapport ftit li xejn kellu indikazzjonijiet fuq Hearnville u Tilgate u l-investigazzjoni li kellna ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma suppost intom tincvestigaw. Intom dejjem tghidu illi ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux thallu f' diejn l-FIAU! Din xbajna nghiduha ta!

***Ix-Xhud :***
Iva Sinjura, imma ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-FIAU itukom l-informazzjoni li lanqas tistghu tuzaw bhala xhieda, u x-xhieda tridu ssibuha intom. Mela kif tistenna l-FIAU ha jsibu x-xhieda?

***Ix-Xhud :***
Imma Sur Imhallef, f' din forsi …, l-ahhar darba gejt mizinterpretat ..

***Imhallef A Lofaro :***
Meta ghedtilna li ma nifhimux hux? Handiha b' kumplament, tinkwetax

***Ix-Xhud :***
Il-fatt li hafna ma jifhmux, hafna ma jistghux jifhmu s-sitwazzjoni hija jekk hawn awtoritjiet, Sinjura, jigifieri nahdmu hafna; mela ahna jekk ikun hemm nafu li ghaddejja nvestigazzjoni minn l-MFSA tibqa' ghaddejja minn l-MFSA. Jekk hemm investigazzjoni ghaddejja minn l-IAID.., din issir ta' kuljum. Jekk

***Imhallef A Lofaro :***
Imma tezonorakom li tinvestigaw lilkom?

***Ix-Xhud :***
Mhux li tezonorana.. b' xi mod ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le hux? Le ..

***Ix-Xhud :***
… Sinjura, nabdikaw mir-responsabbilta`!

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Imma jekk il-Korp tal-Pulizija jiehu fuq spallejh l-investigazzjonijiet li jkunu ghamlu; hemm awtoritajiet ohra iktar kompetenti u ghandhom iktar rizorsi

minnha biex jaghmluhom mela prattikament Sur Imhallef il-funzjonijiet ta' l-FIAU.,

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma Sur Abdilla, sorry ta ..

***Ix-Xhud :***
..tat-Tax Compliance Unit, tal-IAID….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nofs sekonda…

***Ix-Xhud :***
…jistghu jitilqu u jigu kollha ghand il-Pulizija Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Is-sitwazzjoni mhix hekk. Din qisek qed tghidli illi l-Avukat Generali qed jiccekkja fuq il-Vitals u allura l-pulizija ma taghmel xejn ghax l-Avukat Generali qed jinvestiga. Mhux hekk is-sitwazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Qed tghid; by analogy hekk qed tghid.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux hekk is-sitwazzjoni; sadanittant mhux ser jihlaq jitlaq il-halliel! I mean il-Pulizija qieghda hemm biex tinvestiga d-delitt. Mhux in-nuqqasijiet amministrattivi!

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, imma …

***Imhallef J Said Pullicino :***
…serji! Tinvestiga d-delitt.

***Ix-Xhud :***
Imma bir-rizori li kien hemm Sur Imhallef ma tistax taghmel kollox. Jigifieri jekk hemm awtoritajiet ohra li inti….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax ahna fuq hekk qeghdin ukoll; qed niftehmu li l-awtoritajiet jaghmlu xogholhom, u l-ebda awtorita` ma tidhol fuq l-ohra; u jekk xi hadd jinvestiga l-ohrajn jieqfu ha naraw x' qed jigri minn l-ohrajn. Din hi s-sitwazzjoni.

***Ix-Xhud :***
Le le mhux jieqfu ta' Sur Imhallef!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tieqaf ghax qed issir l-investigazzjoni …

***Ix-Xhud :***
Ahna nahdmu.. hafna drabi nahdmu hand in hand, fis-sens li jekk.,. niehdu kaz, kazijiet normali li jghaddu ta' kuljum; jekk l-Internal Audit tal-Gvern – l-IAID, ikun qed jinvestiga xi haga gie li mhux l-ewwel dabra li jcempel lill-Pulizija u jghidlu – jien ghandi din, mal-mument li ha nlesti jiena ha nghaddihielek. Imma dawk huma, dawk huma l- .. ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nipprova nifhem ghax jiena rrid nifhem ghax inkella…! Mela nifhmu li korporazzjoni bejn l-istituzzjoni ghandha tkun, u naqbel. Naqbel li ghandhom jaqblu. Imma nergghu mmoru bhal per ezempju ghal Vitals, hemm element ta' korruzzjoni u delitt b' di mod fil-Vitals. U allura inti jkollok korrispondenza mal-Vitals, ma' l-awditur, u malli l-awditur isib xi haga jghidlek – Sur Pulizija sibt dik. Tidhol fiha dik jew tistenna r-rapport isir?

***Ix-Xhud :***
Jiddependi; mhux dejjem l-istess; jigifieri gie li ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma gie li qalulkom taghmluha…?

***Ix-Xhud :***
Gie li jkun hemm rapport li nistennewh isir, u gieli jkun affarijiet per ezempju ma' l-IAID nahdmu hafna hekk. Ma' l-IAID, ma' l-Internal Audit tal-gvern il-mod ta' kif nahdmu hija li huma jibdew jahdmu, mal-mument li jsir isibu.. dawk ghandhom funzjoni bejn funzjoni amministrattiva u jinvestigaw ukoll affarijiet li possibbilment ikunu ta' natura kriminali. Il-mod ta' kif nahdmu maghhom hija li meta jkun hemm xi haga amministrattiva per ezempju procedura ta' kif tohrog it-tender ma gietx iffolowjatha, mela dik huwa amministrattiv. Il-Pulizija lanqas tigi informata. Imma meta jkun hemm per ezempju waqt li qed jaghmlu audit isibu dokumenti iffalsifikati allura hemmhekk hemm crime, hafna drabi l-understanding huwa li huma jieqfu s' hemm, icemplu lilna, jinfurmawna through jigifieri c-channels ghax l-IAID l-istess hemm l-Avukat Generali li huwa l-persuna li huwa l-link, u inkomplu ahna. Jigifieri u hafna drabi anke mhux just biex inkomplu ahna, hafna drabi nahdmu as a joint teams, jigifieri mhux l-ewwel darba li.. ma' l-awditur generali ftit li xejn nahdmu hekk ghaliex l-awditur generali ghandu funzjoni

naqra iktar kostituzzjonali allura ma tantx nidhlu jointly mieghu jigifieri; imma gieli, mhux l-ewwel darba li ….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nifhimha jigifieri imma wiehed jara; pero` tal-Panama, ghalikom x' kienet il-kwistjoni? money laundering?

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-Panama x' kienet ghalikom?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tal-Panama x' kienet? L-assessment taghkom bhala Economic Crimes Unit ghal elementi li ser iwasslu ghal reat.

***Ix-Xhud :***
Tal-Panama l-ewwel nies Sur Imhallef, just kemm nigbed l-attenzjoni li l-Panama Papers ma hihomx biss Keith u Konrad u l- Tilgate u Hearnville ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le nafu, nafu

***Ix-Xhud :***
Jigifieri Panama Papers

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imbaghad nigu ghaliha.

***Ix-Xhud :***
Panama Papers kien hemm xi madwar tmenin ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Nafu.

***Ix-Xhud :***
Xi tmenin (80) pesuna Maltija jigifieri. Jiena malli mal-mument li bdejt nidhol ftit fil-Panama Papers jiena assigurawni, u anke tkellimt man-nahha tat-taxxa; ghax irridu niftakru li mhux kull min fetah kont il-Panama huwa illegali! Li jkollok struttura l-Panama ma hijiex ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jekk inti politically exposed person ..

***Ix-Xhud :***
..ma hijiex..

***Imhallef A Lofaro :***
…hi kwistjoni ohra.

***Ix-Xhud :***
Lanqas ta' Sinjura Mhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Tista' bhala politically exposed?

***Ix-Xhud :***
I back to the ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri tista' politically exposed.

***Ix-Xhud : -***
Tista' bhal ma ahna gieli jkollna politically exposed persons minn barra jifthu strutturi Maltin, u hafna drabi dak li llum forsi ahna nghidu ghal Panama hafna drabi gie li kellna investigaturi specjalment mill-kontinent li s-sistema taghna ma jifhmuhiex ghax ahna iktar ghandna sistema Ingliza, per ezempju t-trusts li ghalihom huwa vehicle..., issa trusts ilhom jezistu 25 sena nahseb hawn Malta..!

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, iktar.

***Ix-Xhud :***
Li rawha bhala a vehicle for money laundering li ma jistghux…. li huma ma jifhmux il-kuncett ta' trust. Ghax f' kuncetti fil-Germanja, l-Italja, il-kuncett ta' trust assolutament ma ghandhomx idea tieghu. Jigifieri ahna jkollna hafna hekk li jigu investigaturi. Gie li gew magistrati li ghalihom trust equals money laundering ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu, issa fuq din ..

***Ix-Xhud :***
U l-istess haga Panama, is not equals money laundering! Jigifieri ahna kellna, jiena nghid, jien ghalija kelli anke diversi meetings ma'..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…l-akkuza kriminali generali kienet fuq money laundering..

***Ix-Xhud :***
Ehe imma..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq hasil ta' flus u....

***Ix-Xhud :***
Imma jiena min-naha tieghi Sur Imhallef ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk ikollu, ha nghidlek, jekk ikollu.., fejn naf?, ha nivvinta, kont il-Panama, jien naf?, negozjant, jien naf?, Gasan jew whatever, huwa l-istess bhal meta nghidu ghandu kont bhal dan ..fejn naf?, ministru? L-istess ghalik? Fuq l-istess pjan qeghdin dawn?

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-Pulizija l-istess? Tal-Pulizija?

***Imhallef J Said Pullicino :***
…l-Economic Crimes; ghax hawn qed nitkellmu fl-arja..

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naghmlu hafna…, irrid inkun naf specifikatament, meta kien il-kaz quddiemkom, il-kaz ta' Ministru, il-kaz ta' Chief of Staff, trattajtuhom l-istess bhal .. ta' negozjant?

***Ix-Xhud :***
Ha nghdilek Sur Imhallef, jigifieri r-raguni ghalfejn jinfethu strutturi barra minn Malta huma varji. Jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le le, mhux dik id-domanda…

***Ix-Xhud :***
Iva iva ha nwegibha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…Sur Abdilla, inti qed tifhimni

***Ix-Xhud :***
…li jkollok persuna bhal ma kien ic-chief of staff li kien ukoll businessman; jigifieri jiena r-raguni li nfethet ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal meta jirtira qal, hux? Mhux hekk qal?

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista' nghid ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal meta jirtira qal.

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista' nghid imma Sinjura, li ahna kellna anke diskussjonijiet fit-tul ma' anke t-tax authorities Malta li kienu qed jaraw il-Panama Papers huma innifishom from a tax perspective, u hadu l-azzjonijiet kollha. Jigifieri jiena forsi li serraht ftit mohhi li l-awtorita` …, ghax most probably hafna minn l-istrutturi li jsiru barra huma for tax evasion purposes, kien hemm dik l-awtorita` li kienet qed tiehu hsiebha. Mil-banda l-ohra qatt ma gie xejn mill-Inland Revenue Department mill-Commissioner for Revenue fejn qed jigbdu l-attenzjoni – isma', fil-kors ta' l-investigazzjonijet taghna ahna sibna dawn l-istrutturi li b' xi mod ghandhom x' jaqsmu jew ma' korruzzjoni jew ma' money laundering! Infakkar ukoll Sinjura, li ahna l-ghan taghna principali kien ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri dik huma jinvestigawhom mhux intom.

***Ix-Xhud :***
Tax kollox huma Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Money laundering, money laundering

***Ix-Xhud :***
Money laundering ahna, imma tax ..

***Imhallef A Lofaro :***
Intom. Imma intom dik investigajtuha?

***Ix-Xhud :***
Imma..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva jew le? Please.

***Ix-Xhud :***
Il-money laundering element ta’ taxation ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ghaliex ma tghidlix iva jew le?

***Ix-Xhud :***
Le le Sinjura jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Intom bhala Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Insa t-taxxa.

***Ix-Xhud :***
Iva imma ma nistax tara Sinjura; din hi li x’ jismu

***Imhallef A Lofaro :***
Naf li trid tara l-istampa kollha

***Ix-Xhud :***
L-istampa kollha hi ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma intom tridu taghmlu l-parti taghkom. Ghamiltuha?

***Ix-Xhud :***
….li jekk ghandna awtoritajiet li jiena kont qieghed ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mintix twegibni ta.

***Ix-Xhud :***
Li jiena kont qieghed in contact maghhom u kienet cara li jekk ser isibu xi haga li hija relatata ma’ attivita` kriminali kellhom jigbdulna l-attenzjoni, ahna bir-rizorsi limitati li kellna dak iz-zmien u b’ xoghol iehor li kellna ghaddejjin forsi bi zball jew ....

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kellkomx cans tinvestigaw.

***Ix-Xhud :***
Ma stajniex naffordjaw li nidhlu fil-Panama Papers ukoll! Jigifieri ...

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura, ara jekk ghandix ragun; ma investigajtux ghax ma kienx hemm zmien bizzejjed.

***Ix-Xhud :***
..ma kenx hemm bizzejejd zmien ..

***Imhallef A Lofaro :***
…u ma kienx hemm bizzejjed nies ..

***Ix-Xhud :***
…kien hemm bizzejjed ..

***Imhallef A Lofaro :***
Allura ma nivestigajtuhiex din, xejn,

***Ix-Xhud :***
Kien hemm numru ta’ ..

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn xejn.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm numru ta’ …; imma mill-banda ...; imma ma jfissirx li ghax ahna ma ghamilna xejn, il-biza ....

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, tat-taxxa kienu qed jahdmu, per ezempju.

***Ix-Xhud :***
…il-biza li ma qed isir xejn..; jiena kelli.. mind at rest li kien hemm another authority li kienet qed tara l-affarijiet li forsi aktar ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri tat-taxxa,

***Ix-Xhud :***
…iktar …

***Imhallef A Lofaro :***
Tat-taxxa.

***Ix-Xhud :***
…iktar iktar… li kellha iktar iktar forsi rizorsi, jew kellha iktar means. Ghaliex per ezempju t-taxxa ghandhom ic-channels taghhom tat-taxxa..

***Imhallef A Lofaro :***
It-Tax Department mela.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok

***Ix-Xhud :***
Allura tipo its not a question li ahna..

***Imhallef A Lofaro :***
Dawk jinvestigaw sew.

***Ix-Xhud :***
Ma dhaltx fiha ..

***Imhallef A Lofaro :***
Insomma, investigaw, le? La kellek mohhok mistrieh!

***Ix-Xhud :***
Naf li dahlu fiha u naf li hargu. ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma skuzani ta'; ma tistax tghidli li ma tafx u meta ftit qabel ghedtli li kellek mohhok mistrieh!

***Ix-Xhud :***
Iva ehe

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax kontro-sens

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Spjegali please ghax ma nistax nifhem.

***Ix-Xhud :***
Naf li dhalu fiha u naf li dak kollu li kien hemm multi u affarijiet ta' tax evasion hargu; jigifieri rawhom kollha. Dak li jiena..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax inti serraht mohhok, le?

***Ix-Xhud :***
Dak li jiena ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok, all right.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri s-sitwazzjoni illi jekk kien hemm mitejn, ma nafx kemm kien hemm, kaz tal-Panama Papers hemm uhud minnhom dawn li gew rizolti jew qed jigu rizolti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Amministrattivament.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Amministrattivament.

***Ix-Xhud :***
Jekk minhiex sejjer zball imma I stand to be correcred, nahseb kollha gew rizolti Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Gew rizolti kollha!

***Ix-Xhud :***
Nahseb b’ xi mod kollha gew rizolti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U gew rizolti billi ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hlief ta’ dawn il- .. ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…u gew rizolti billi wiehed ihallas multa? Dik ..

***Ix-Xhud :***
Is-sistema tat-taxxa, ehe, li jhallsu multi u affarijiet hekk.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk. Allura ghaliex fid-dinja kollha qamet din l-istorja kollha fuq il-Panama Papers?

***Ix-Xhud :***
Ahna ftakar, ahna ftakar Sur Imhallef ..

***Imhallef A Lofaro :***
U rrezenjaw hawn hafna nies ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jien li mhux qed nifhem ..

***Ix-Xhud :***
Ahna, ftakar Sur Imhallef, li ahna bhala Pulizija wkoll ex officio ma nistghux inressqu nies for tax evasion.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma fuq money laundering tista’.

***Ix-Xhud :***
Dik tohrog mil-ligi tat-taxxi, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Grazzi; imma fuq money laundering tista’.

***Ix-Xhud :***
..imma ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Stenna ha.. din id-domanda. Voldieri inti qed tghid li dawk kollha li gew imsemmija fil-Panama Papers nies privati Maltin dawn kollha gew solvuti amministrattivament.

***Ix-Xhud :***
Jiena hekk qalli..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Thallas xi haga ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Thallas xi haga u tmexxi.

***Ix-Xhud :***
Jien hekk naf li ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-kaz ta' Konrad Mizzi l-Ministru u Keith Schembri dawn gie solvuta amministrattivament ukoll?

***Ix-Xhud :***
Hekk individwalment ma nafx nghidlek ..

***Imhallef A Lofaro :***
U Kien hemm Hillman ukoll.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U Adrian Hillman?

***Ix-Xhud :***
…jigifieri ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn gew solvuti amminitrattivament?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx nghidlek hekk. Nahseb iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk taf il-verita` ghidilna fil-kaz.

***Ix-Xhud :***
Le le, nahseb iva..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jew inkella ccekkja u ghidilna halli nkunu nafu.

***Ix-Xhud :***
Nahseb iva; ma nistax nghidlek imma …

***Imhallef A Lofaro :***
Min ser ikun jaf? Il-Kummissarju?

***Ix-Xhud :***
Il-Kummissarju tat-Taxxa, Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Tat-Taxxa. Bhala money laundering ghadek ma wegibtnix. X' gara fuq l-aspett tal-money laundering?

***Ix-Xhud :***
Ahna kif spjegajt. Ahna fuq l-aspett tal-money laundering rajna dak li kellu.., m' hemmx investigazzjoni li tittratta n-nies kollha money laundering fuq Panama Papers; dik ga..

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas il-PEPs? Xejn?

***Ix-Xhud :***
..xejn, jigifieri …

***Imhallef A Lofaro :***
Le nafu li ma bghattx ghalihom; pero` jista' ikun li investigajthom, le?

***Ix-Xhud :***
Min-naha tal-PEPs kellna – ghanda din l-investigazzjoni li ghadha ghaddejja, jigifieri t-tliet kazijiet li ghandna tal-Vat inkluz. Ghax ahna, ftakar Sinjura, ahna l-issue l-iktar haga importanti mhux li ghandhom struttura l-Panama! Din hija forsi difficli biex ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jekk sarx money laundering through dik l-istruttura.

***Ix-Xhud :***
Ahna l-iktar haga importanti mhux jekk hemmx struttura l-Panama,ghax li hemm struttura l-Panama fatt ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right, ga ghedtilna ga ghedtilna

***Ix-Xhud :***
Ghaddewx flus f' dik l-istruttura ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jew kellhomx l-intenzjoni li jghaddu. It-tentattivi.

***Imhallef A Lofaro :***
..it-tentattivi biex jifthu dawk il-kontijiet kollha l-bank!

***Ix-Xhud :***
Imma imma..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghalik x' inhi dik? Xejn?

***Ix-Xhud :***
Imma Sinjura ftakar, ftakar ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghidli ghidli.

***Ix-Xhud :***
…l-opening mandates kienu li ha jircievu dawk l-ammonti minn 17 Black u minn Macbridge.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Ix-Xhud :***
U hemmhekk kienet il-focus. Anke meta ahna bdejna nitkellmu … l-FIAU

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dawk ma humiex elementi ta' delitt ghalikom?

***Imhallef A Lofaro :***
Ta’ tentattiv?

***Ix-Xhud :***
Iva, ghalhekk ahna.., ahna dik l-investigazzjoni hija encompassed kollha fl-investigazzjoni ta’ 17 Black meta ahna rcivejna r-rapport u lill-FIAU fejn kienet qieghda tahdem biex nipprovaw kemm jista’ ikun l-ewwel haga niskopru ta’ min kienet 17 Black. Secondly jekk ghaddewx verament flus lejn MacBridge u Tillgate minn 17 Black, u niskopru wkoll li sal-lum, sal-lum ghadna hadd ma jaf xejn fuqha MacBridge. Jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Xi haga tafu, xi haga tafu nahseb!

***Ix-Xhud :***
Le ta’ Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le ma tafux?!

***Ix-Xhud :***
Xejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb li tafu ta!

***Ix-Xhud :***
Xejn. Jigifieri sal-lum, sal-lum ma ….

***Imhallef A Lofaro :***
Plus il-President nahseb jiena wkoll.

***Ix-Xhud :***
… ma nafu xejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma jimpurtax.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti qed tghidli illi din ma kellekx provi bizzejjed jew inkella ma kellekx informazzjoni bizzejjed minn l-FIAU; all right. Imma din sitwazzjoni simili bhal meta jaghmel inkjesta l-magistrat. Il-magistrat fil-process verbal tieghu kull ma jrid ikollu huwa prima facie evidence li hemm tracci – li hemm sinjali

ta' reat. Issa  hawnhekk inti ghandek car rapport min ghand l-FIAU li prima facie hemmhekk hemm evidenza li ghandek kaz ta' money laundering u kaz ta' ksur tal-ligi ta' Malta. Kif allura tigi tghidli inti illi tippretendi li tibghat kollox lura ghand l-FIAU biex ikompli l-investigazzjoni huma meta huwa l-kompitu taghkom tal-Pulizija illi tinvestigaw?

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi ser jghid li kienu qed jistennew l-inkjesti tal-magistrat?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-inkjesta tal-magistrat ma tergax imur kollox lura ghand il-Magistrat; tinvestigaw intom. Meta fir-rapport tieghu jghid u jordna lill-Pulizija li jkomplu bl-investigazzjoni taghhom!

***Imhallef A Lofaro :***
Ta' l-Egrant hekk kienet, ta' l-Egrant

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef jiena ma ghedtlekx .

***Imhallef J Said Pullicino :***
U meta l-FIAU li ssib mhux prova, jigifieri l-prova trid issibha int. Allura x' inti tistennhiom li jsibu l-provi?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Insomma, ma ridtux tmexxu; ma ridtux tmexxu.

***Imhallef A Lofaro :***
Misteru dan hux!

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, jiena ma ghedtx li nergghu nibaghtu kollox lura lill-FIAU.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le ma ghedtx hekk ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela x' taghmlu? Ma taghmlu xejn allura! Pero` ma ghamiltu xejn.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
..il-provi.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-fatt hu li ma ghamiltu xejn.

***Ix-Xhud :***
…li ahna u l-FIAU nahdmu hand in hand; ghadna hekk sakemm kont hemm jien nahdmu hand in hand fuq hafna kazijiet; u bhal ma spjegajt diga`, ma taghmilx sens li ghandi awtorita` ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghalik ma taghmilx sens, all right. Ghalik.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghalik ma taghmnilx sens; imma ghal hafna nies ohra taghmel ta.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghalik mhix taghmel sens

***Imhallef J Said Pullicino :***
Halli inkun car f' mohhi wkoll ghax issa ahna ghandna firxa wiesgha ta' taghrif x' ninvestigaw u ma nafx fejn ser naslu. Barra din l-istorja hemm diversi akkuzi, veru jew mhux veru ma jinteressaniex; allegazzjonijiet ta' reati ekonomici fuq diversi progetti u affarijiet. Intom dejjem imxejtu b' din is-sistema? Jigifieri jekk nghidu ahna ghandkom ghaxar files li jkopru dawn, issa mbaghad ghidilna kemm ghandek inti, dawn il-files huma jistennew lil xi hadd iehor jaghmel xoghlu u jghidilna ..

***Ix-Xhud :***
Le; le ta

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Le ta, mhux bilfors Sur Imhallef, jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux bilfors. Imma hafna minnhom hekk huma?

***Ix-Xhud :***
….jekk hemm awtoritajiet ohra li qed jaghmlu certu xoghol..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tieqfu ha taraw.

***Ix-Xhud :***
…gie li niehdu decizjoni li nistennew l-awtorita` tlesti, ghax ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma l-provi taghkom.., ghax il-provi itiru! Mela l-provi ser jibqghu hemm? Mela s-servers ser jibqghu hemm!?

***Ix-Xhud :***
Imma trid tara l-kaz.

***Imhallef A Lofaro :***
Itiru dawn!

***Ix-Xhud :***
Trid tara l-kaz. Mela jiena staqsejtni mistoqsija Sur Imhallef; mela hemm okkazjonijiet fejn nistennew; hemm okkazjonijiet fejn nahdmu jointly; u hemm okkazjonijiet fejn ahna nibdew investigazzjoni allavolja l-awtoritajiet ikunu ghadhom ma bdewx, awtoritajiet ohra. Jigifieri kellna ..ghandna minnhom, jigifieri fil-prezent mill-affarijiet per ezempju biex intik ezempju, imma ma nixtieqx inkun dettaljat hafna …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le m' hemmx bzonn dettali.

***Ix-Xhud :***
Minn certu affarijiet li qed johorgu minn devices li gew elevati minn ghand Yorgen Fenech jiena ftaht madwar hdax (11)-il investigazzjoni minn dak li bdejna nextraktjaw u hadd ma jaf jigifieri. La jafu l-awtoritajiet jigifieri

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak huwa xoghol.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri dak huwa xi haga li niddeciedu on the ground Sur Imhallef, jigifieri…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Peros inti trid tifhem ta' li l-Pulizija, fl-investigazzjoni ghandha hafna iktar poteri minn l-FIAU, minn l-Avukat Generali, hafna iktar poteri ..

***Ix-Xhud :***
Qed nifhmek Sur Imhallef. jiddependi jekk inti tghid il-Pulizija ghandha poter li tmur telava computer mela nghidlek iva ma niddependix minn l-FIAU jekk irrid neleva computer ..

***Imhallef A Lofaro :***
Per ezempju Nexia BT ma mortux.

***Ix-Xhud :***
… imma jekk jiena rrid ingib informazzjoni minn barra ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn Dubai

***Ix-Xhud :***
..anke ghal skop ta' intelligence ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn Dubai, ehe..

***Ix-Xhud :***
…. l-FIAU hija hafna.., ic-channels ta' l-FIAU huma hafna iktar fast. Qed nitkellmu jigifieri b' xhur ta' distakk. L-FIAU igibu certu informazzjoni u nuzhom il-hin, jigifieri din mhux qed nitkellmu fuq dan il-kaz. Jigifieri jiena gie li jkolli kaz semplici ta' frodi, fejn bniedem gie frodat u baghat flus f' pajjiz. Jiena nibghat through Europol, imma naf li Europol it could take a couple of months. Mhux l-ewwel darba, jigifieri jkun hemm hafna kazijiet li lill-FIAU nghidilhom ghandi dan il-kaz mhux money laundering, uzaw ftit ic-channels taghkom biex iggibuli ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Veru, pero` ha nghidlek ohra; barra jista' ikun ghandek ragun, imma Malta intom ghandkom il-forza. Inti tista' tibghat ghal xi hadd u zzommu ghandek, tghidlu ha nzommok hawn sakemm tghidli dawn l-affarijiet. trid tindagah, trid tinvestigah, trid ..mhux tinterrogha ta! Bhala persuna interessata mal-fatti. Jekk tibghat ghalih tghidlu spjegali ghaliex hekk?

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dan ix-xoghol sar hawn Malta?

***Ix-Xhud :***
Din diga` provajt nispjegaha Sur Imhallef; jiena, ahna ghal mod ta' kif ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma.. jien mhux ser nindahallek ix-xoghol kif taghmlu, pero`

***Ix-Xhud :***
..ghal mod ta' kif tbiddlet il-ligi..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..Sur Abdilla ..

***Ix-Xhud :***
…illum..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sur Abdilla, mument; jiena mn nindahalx fix-xoghol kif taghmluh intom ghax intom l-esperti, tajjeb? Pero`minn barra hekk jiena ssemma t-tali, u t-tali u t-tali, tajjeb?, jista' ikun involute, jiena d-dover tieghi li nibghat ghalih, mhux biex nakkuzah jew inkella.., nghidlu ejja ha nkellmek ha naraw daqsxejn x' qed jigri; u dan nahseb isir dejjem, taghmluh intom u hafna nies. Ghaliex ma sarx f' dan il-kaz?

***Ix-Xhud :***
Ha nghidlek. Le le, mhux f' dan il-kaz ta Sur Imhallef. Kawzi fil-kazijiet kollha. Illum il-gurnata bil-mod ta' kif inbidlet il-ligi specjalment bil-full disclosure u bil-prezenza ta' l-avukat jiena ghadni instructions li anke fil-kazijiet kollha kwazi l-persuna nibaghtu ghaliha l-ahhar hin. Illum il-gurnata, qabel jiena gejt kont mghallem, anke gieli intom tafu, ahna qabel konna nghidu l-istatement hija l-mamma tal-prova; u konna nibbazaw hafna fuq l-istatement. Illum il-gurnata kwazi l-mod ta' kif sirna nirragunaw hija ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illum bil-kontra.

***Ix-Xhud :***
..jekk inti ma jkollokx bizzejjed provi biex tmur il-qorti minghajr il-htiega li tkellmu tibghatx ghalih il-bniedem.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri nistghu naqblu u nghidu illi ..

***Ix-Xhud :***
..ghax l-affarijiet tant inbidlu ....

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak iz-zmien l-FIAU kellha l-poter li televa computers minn ghand xi had?

***Ix-Xhud :***
…

***Imhallef A Lofaro :***
Intom biss.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Intom biss.

***Ix-Xhud :***
Ahna biss poter.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela l-FIAU qed tindikalek lilek .. ..

***Ix-Xhud :***
U ghadha sal-lum ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ismaghna ftit. L-FIAU qieghda tindikalek li hemm il-possibbilta`, hemm il-prima facie l-kaz ta' reat fil-kaz ta' dawn il-persuni li qed insemmu ..

***Imhallef A Lofaro :***
U ma mortux.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Intom ghandkom il-poter illi jekk tridu mal-ewwel tinvestigaw u televaw il-computers biex taraw f' dan il-prima facie jistax jigi evolut f' xi haga ohra, madanakollu intom iddecidejtu li ma taghmlu xejn… .

***Imhallef A Lofaro :***
Ghaliex ma mortux?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…tmorru lura ghand l-FIAU biex titolbuha aktar evidenza.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qed titolbuha aktar evidenza meta din prima facie qieghda tghidilkom li hemm bizzejjed biex timxi!

***Imhallef A Lofaro :***
Sur Abdilla kemm affettwak il-parir ta' l-AG?.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Din li ma nistghux nifhmu ahna hawnhekk bhala Bord!

***Imhallef A Lofaro :***
Kemm affettwak il-parir ta' l-AG?

***Ix-Xhud :***
Il-parir ta' l-AG huwa ..

***Imhallef A Lofaro :***
Affetwak hafna hux!

***Ix-Xhud :***
Ahna, il-parir.. meta l-pariri ta' l-AG, Sinjura, huma importanti ghalina. Jigifieri u kien ghalhekk….

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe; kien ghalhekk li ma mortx?

***Ix-Xhud :***
Mhux ittiehdet id-decizjoni strategika li isma' ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax hu xorta halla f' idejk, eh!

***Ix-Xhud :***
Jekk ahna nafu li gejjin sett ta' rapporti ghand l-FIAU minn ghand l-FIAU, kien hemm at lest tlieta (3); tattikament kienet timmerita li forsi nistennew ftit biex naraw ir-rapaporti ….

***Imhallef A Lofaro :***
Aktar ma tistenna aktar jigu dustrutti l-provi. Issa haga ohra, intom semmielkom l-AG azzjoni ghal danni, le?

***Ix-Xhud :***
Ehe ...

***Imhallef A Lofaro :***
U kontu kuntenti. Kemm-il azzjoni ta’ danni kellkom intom?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela l-Pulizija qed tkun esposta ghad-danni?

***Imhallef A Lofaro :***
Nixtieq inkun naf jekk jogghbok

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Konsegwenza ta’ l-invesatigazzjoni taghha?!

***Imhallef A Lofaro :***
Kemm-il azzjoni ghal danni kellkom?

***Ix-Xhud :***
Jiena personalment qatt.

***Imhallef A Lofaro :***
U le mhux inti personalment. Kemm ilek hemm; inti accountant, ghandek id-degree minn l-universita` ; taf x’ qed nghid.

***Ix-Xhud :***
Kellna ta. Mhux hafna ghax ma nistax.. ghax imbaghad tghidli qed tigdeb; jigifieri..

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb li qatt ma kellkom kaz ta’ jien!

***Ix-Xhud :***
Jiena minhiex..minhiex..

***Imhallef A Lofaro :***
Jista’ jkun li ma kellkomx?

***Ix-Xhud :***
Le kellna ta’ Sinjura. Jiena kelli wiehed.. jiena kelli.. kellna wahda zgur fuq l-iskwadra, persuna kienet rebhet hamisn elf ewro tal-mod ta’ kif zammejnielu l-evidenzi. Jigifieri jkun hemm. Ghalhekk ma nixtieqx nghidlek kemm ikollna ghaliex ma hijiex l-area taghna jigifieri; hemm il-legal office ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dan inti ghedtu ta fir-rapport tieghek ta!

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu. Ahna qed nikkwotaw lilek.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
This would leave the police exposed to legal action for damages by Nexia BT

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela l-Pulizija qatt hija esposta ghad-danni?!

***Imhallef A Lofaro :***
Qallek iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Minn fejn smajtha din?

***Ix-Xhud :***
Iva ta, ikun hemm; ikun hemm Sur Imhallef jigifieri..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fejn?

***Ix-Xhud :***
Ikun hemm jigifieri, ahna .

***Imhallef A Lofaro :***
Kellu kaz wiehed qal.

***Ix-Xhud :***
Ahna kellna…, jien niftakar …

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala konsegwenza ta’ l-indagni li taghmel?!

***Ix-Xhud :***
Iva tal-mod ta’ kif ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-marelli kieku kemm jinfethu kawzi!

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi f' dak il-kaz ma kellkomx dawk il-provi li kellkom f' dan il-kaz.

***Ix-Xhud :***
Ghalhekk hadna l-parir Sinjura jigifieri; jigifieri ahna ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma hu halla f' idejk l-Avukat Generali.

***Ix-Xhud :***
Iva naf Sinjura, imma ..

***Imhallef A Lofaro :***
Qallek inti trid tiddeciedi fl-ahhar.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha ninsew ftit in-nies importanti mill-politika. Is-Sur Brian Tonna qatt bghattu ghalih dak iz-zmien?

***Imhallef A Lofaro :***
Le qatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le xejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Qatt. Sal-lum ma baghtux ghalih.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dan mhux exposed; dan mhux exposed politikament.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U s-Sur Cini?

***Ix-Xhud :***
..it was not a question li dawn in-nies li huma politically exposed. Ahna nibaghtu ghan-nies meta ahna nkunu konvinti li ghandna bizzejjed beyond the reasonable doubt li nibaghtu ghan-nies. Jiena biex….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ma kontux ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Beyond the reasonable doubt hija tal-Qorti..

***Ix-Xhud :***
Jiena biex .. jiena biex ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Prova ghal qorti. Ghalikom biex tibdew tinvestigaw ma ghandhomx ghalfejn ikun ..

***Imhallef A Lofaro :***
….mhux reasonable suspicion?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma ghedtlikx ma bdejniex ninvestigaw Sur Imhallef; ma bghatniex ghalih.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma allura kif investigajtu? Hallejtu f' idejn l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Gibna d-dokumenti; bdejna nigbru l-provi kollha li kien hemm bzonn biex imbaghad nibaghtu ghalih; dawk huma.. dik hija t-tip ta' indagni. Jiena biex nibghat ghalih biex jispjegali..; jiena qatt, Sinjura, jiena qatt ma bghatt ghan-nies biex jispjegawlna xi haga li hemm fuq il-media jew li allegazzjonijiet li kien hemm ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma hargu d-dokumenti ta li kien hemm diversi tentattiv dawn biex jifthu bank accounts ..

***Ix-Xhud :***
Iva Sinjura ..

***Imhallef A Lofaro :***
Din ma hijiex hear say jew allegazjoni; kellek prova. Kif ma tibghatx ghalih?!

***Ix-Xhud :***
Sinjura ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux tentattiv wiehed ta kien hemm!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tridu timxu fuq l-ahjar prova. Jekk il-Panama ma jaghtux informazzjoni trid tmur for the next best proof ..

***Ix-Xhud :***
Imma the next best proof ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kien dawn it-tentattivi li jifthu l-bank accounts.

***Ix-Xhud :***
In-next best proof ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mintix twegibni fuq il-bank accounts.

***Ix-Xhud :***
Le Sinjura, jiena..

***Imhallef A Lofaro :***
Le mintix twegibni.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm hafna mit-2016 ‘l hawn kien hemm hafna affarijiet li hargu. Ahna ghalina l-iktar haga importanti..; issa jekk tghidli forsi misjudgement jew ….

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux qed nghidlek xejn jien.

***Ix-Xhud :***
Issa ahna konna nafu li l-FIAU qed taghmel min kollox biex tipprova ggib l-istatement of accounts ta’ 17 Black, u hemmhekk kellha tkun suppost

***Imhallef J Said Pullicino :***
…wara gie; 17 Black gie wara.

***Ix-Xhud :***
Le ta. Le le Sur Imhallef ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux mal-Panama ezatt.

***Ix-Xhud :***
Iva; mal-Panama ezatt fl-opening mandates, fl-opining forms li ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva issemhiet is-17 Black ..

***Ix-Xhud :***
Fl-opening forms…

***Imhallef A Lofaro :***
..ma konnix nafu ta' min hi. Iva.

***Ix-Xhud :***
..li Keith Schembri u Konrad Mizzi ..

***Imhallef A Lofaro :***
Yes yes you are right; issemmhiet

***Ix-Xhud :***
..qalu the source of funds minn fejn kellhom jigu dawn il-flus kellha tkun kumpanija 17 Black u kumpanija jisimha MacBridge. Allura ahna the aim principali taghna kien naraw min hi 17 Black, naraw min hi ..; issa ftakar, kull ma kellna..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta harget din l-informazzjoni? Meta sirt taf biha inti?

***Ix-Xhud :***
L-informazzjoni harget ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn ghand Yorgen Fenech, le?

***Ix-Xhud :***
No;

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn ghand min?

***Ix-Xhud :***
Dik l-informazzjoni harget fil-bidu nett.

***Imhallef A Lofaro :***
March.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri harget ..

***Imhallef A Lofaro :***
March 2016.

***Ix-Xhud :***
Jekk ma hargitx ezatt ma' Panama Papers ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ftit wara.

***Ix-Xhud :***
…harget in the very beginning; u minn dak iz-zmien 'l hawn baqa' isir tentattiv. Tghidli l-Pulizija baghtet? Li ma baghtix il-Pulizija, imma naf li jekk hemm ic-channel ta' l-FIAU li qed tiprova taghmel minn kollox biex tiskopri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Hallejtu f' idejn l-FIAU.

***Ix-Xhud :***
... ta' min hi 17 Black li.., Sinjura, wara hafna hafna snin skoprejna ta' min hi 17 Black jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-persuna li kienet..

***Ix-Xhud :***
U kif ga spjegajt MacBridge ghanda sal-lum, sal-gimgha l-ohra sakemm kont hemm jien, ghadna ma nafu xejn fuqha, jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dan jinkwetak lilek, le?

***Ix-Xhud :***
Iva Sur Imhallef,

***Imhallef J Said Pullicino :***
Xi ftit jinkwetak.

***Ix-Xhud :***
Tant hu hekk li kienet parti mill-ittri rogatorji li ahna bghatna lil Dubai biex niskopru MacBridge ta' min hi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
..dika storja differenti.

***Ix-Xhud :***
Imma l-aim taghna mhux li nsaqsu lil Keith Schembri u lil Konrad Mizzi ghalfejn fethu kontijiet fil-Panama…, ghalfejn fethu l-istrutturi fil-Panama u kontijiet ma nafx fejn!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' hemm hazin billi ssaqsihom?

***Ix-Xhud :***
Ghaliex din hija informazzjoni li ...

***Chairman Imhallef M Mallia :***
X' hemm hazin billi ssaqsihom?

***Imhallef A Lofaro :***
Ha jaghmillek kawza ghad-danni biex issaqsih?!

***Ix-Xhud :***
Jien biex nistaqsi, Sur Imhallef, just biex inkun staqsejt.., ahna l-aim taghna kienet ejja naraw jekk f' dawn l-istrutturi dahlux flus. Ejja naraw jekk f' dawn l-istrutturi dahlux flus. Ghax hemmhekk kien ikollna l-prova ta' korruzzjoni u l-prova..; ghax jiena billi nibghat.., jiena billi ..ipprovaw ifhmuni Sinjuri, jiena billi nibghat ghal Keith Schembri u Konrad Mizzi u jghidli jiena ftaht dawn l-istrutturi biex ghandi d-djar l-Ingilterra u jehodli hsiebhom. Jew ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nahseb li huwa dover tieghek kien ta…

***Ix-Xhud :***
Imma…

***Imhallef A Lofaro :***
Anke jien hekk nahseb.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghaliex f’ sitwazzjoni bhal din il-persuna ghandha dritt ikollha l-oportunita` tispjega ruhha ma’ l-awtorita`. Mhux inti qed tindaga - tinvestiga ghal delitt u ma tkellmux!

***Ix-Xhud :***
Imma Sur Imhallef, jekk jiena..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sorry; il-persuna li inti taf .., gahx mill-bidu nett kienet, min kien il-persuna li kellha tiftah il-kontijiet, f’ isimhom, tajjeb?, Nexia BT, dawna ma kienux persuni li inti tistaqsihom?

***Imhallef A Lofaro :***
Brian Tonna, dawk it-tentattivi kollha..

***Ix-Xhud :***
Sur Imahllef, li jiena nibghat ghal xi hadd biex jaghtini storja li jrid hu minghajr ma jiena ghandi l-possibbilta` li jiena nivverifika .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dan mhux ser tissorprendih ta! Dan kien jaf. Dawn hargu b’ isimhom u kunjomhom .

***Ix-Xhud :***
Le naf Sur Imhallef, imma jiena

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma diga` kont taf fejn trid tasal int; ghax hawnhekk ghandek fir-rapport tieghek miktub – *there is no guarantee whatsoever that the seizure of the service is lightly to produce the result which FIAU wishes to achieve.* Mela inti kont diga` taf fejn trid tasal meta hawnhekk ghandek - *which the FIAU wishes to achieve*! Kont taf x’ inhi din. Taf fejn trid tasal. The information in question might not exist. ‘Might’ tigi tghidli! Jekk inti ma tfittix kif ser tasal ghal din il-konkluzjoni? Might not exist. Vera. Hekk hu, might not exist, imma l-ewwel trid tfittex biex jekk tkun taf jekk din tezistix jew le! Mhux tigi tghidli

– le, ieqaf hemm u taghmel xejn! Might not exist. Veru hekk ghandek ragun, might not exist, imma l-ewwel trid tfittex. Mela thalli l-ghasfiur jahrab!

***Imhallef A Lofaro :***
U nerga' nghid, u dawk it-tentattivi biex jinfethu l-bank accounts dik ma hijiex bicca ta' prova? Xejn m' hi dik? Mhix importanti?

***Ix-Xhud :***
Importanti Sinjura, imma l-mod ta' kif taraha. Fis-sens ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kif tridni narha!? Mhux kif inhi?

***Ix-Xhud :***
Le, jiena..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hawn l-istess, l-istess; qed nikkwota mir-rapport tieghek ta li ktibt int; it would be disproportionate for the police to seals the servers There is no guarantee whatsoever that the seizure etc. Jigifieri as such the police think at the moment *at the moment* voldieri meta kellek diga` rapport ghall-FIAU li taf fejn ried jasal dak ir-rapport, all right?, with the evidence at hand it would be disproportional. Jekk inti ma tafx x' fihom dawn is-servers kif tista' tasal ghal konkluzjoni illi hija disproportionate u inti ma tfittixx?

***Imhallef A Lofaro :***
It might not be there. It might not be there, ghalhekk

***Chairman Imhallef M Mallia :***
It might not be there, veru, imma fittex. U aqbad mill-ewwel; mhux meta jahrab l-ghasfur! Jien il-Pulizija qatt ma naf li tahdem hekk ta.

***Imhallef A Lofaro :***
No, lanqas jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-Pulizija tahdem mod iehor eh.

***Imhallef A Lofaro :***
U ma tarax!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fil-fatt nistghu nghidu min-naha taghkom issa bhala Crimes Unit, illi intom hadtu il-pozizzjoni li sakemm ma jkollkomx il-prova certa illi l-affarijiet qisu waslu ghal conviction ma temxxu xejn?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le.

***Ix-Xhud :***
Le. Ahna Sur Imhallef, din ser nirrepetija ghal mitt darba, ghal mitt darba

***Imhallef A Lofaro :***
Mitt darba mhux ghalina.

***Ix-Xhud :***
Jekk jiena r-rapport ta’ l-FIAU l-ewewl wiehed, kull ma kien – kien biss press cuttings. Ma kienx..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imbaghad hemm it-tieni wiehed ....

***Ix-Xhud :***
Issa l-ewwel u t-tieni rapport.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek rapport prima facie.

***Ix-Xhud :***
L-ewwel u t-tieni rapport qed nitkellmu ta’ Brian Tonna u Keith Schembri ta’ dawk il-mitejn elf, u r-rapport ta’ Hillman, ma kellux x’ jaqsam xejn ma’ l-affarijiet li kien hemm tal-Panama. Ir-rapport ta’ 17 Black kien vitali ghalina ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ..

***Ix-Xhud :***
..u ghalhekk issa ittehdet id-decizjoni li nistennew ix-xoghol ta’ l-FIAU jitlesta. Konna constant contact maghhom b’ mod regolari fiex wasalna - fiex wasalna.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U kellkom dejjem ittina l-istess risposta

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ta' Hillman ma kienx x' jaqsam ma' Panama.

***Ix-Xhud :***
Appuntu appuntu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` kellu x' jasam ma' delliti li jaqghu tahtkom zgur, hux hekk?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma' BVI.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U nixtiequ nkunu nafu ahna x' ghamiltu f' ta' Hilman, ghax f' ta' Hillman ma kienx wahdu Hillman.

***Ix-Xhud :***
Iva ta' Hillman ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tajjeb? X' ghamiltu? Fejn wasaltu? U meta bdejtuha din l-investigazzjoni ta' Hillman? U ghaliex spiccat hekk?

***Ix-Xhud :***
Ta' Hillman ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghidilna daqxejn ta.

***Ix-Xhud :***
Ta' Hillman ircivejna f' Novembru r-rapport; ircivejna ir-rapport f' Novembru

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Ix-Xhud :***
X' inhu?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghal liema sena?

***Ix-Xhud :***
F' Novembru tas- '16. f' Novembru tas-'16. Bdejna, beda l-process li nigbru l-informazzjoni kollha li ghandha x' taqsam ma' dan il-kaz, jigifieri hemm ammont kbir ta' dokumenti, imma mbaghad wara Sur Imhallef faqqghet Egrant, jigifieri mbaghad wara Egrant..

***Imhallef J Said Pullicino :***
X' ghandu x' jaqsam? X' ghadnu x' jaqsam faqqghet Egrant? X' ghandu x' jaqsam?

***Ix-Xhud :***
Ghax imbaghad minn Egrant l' hemm Sur Imhallef l-affarijiet hadu avalanche ta' affarijiet, jigifieri mbaghad infethet l-inkesjta Hillman; imbaghad infethet l-inkjseta jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma Hillman min kien hemm involut mieghu?

***Ix-Xhud :***
Keith Schembri.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura dana ma kienx kaz.. li tibghat ghat-tnejn li huma. Hawn din il-prova tidher certa, x' tghiduli?

***Ix-Xhud :***
…konna qeghdin ingibu d-dokumenti sakemm imbaghad faqqghet Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…imabghad li tistennew ..

***Imhallef A Lofaro :***
U nistennew l-inkjesta, u nistennew hekk u nistennew hekk! Issa haga ohra Sur Abdilla, kellkom laqgha hux hekk intom?, ma l-Agent Kummissarju Lawrence Cutajar fit-23 ta' Mejju 2016, hemm minuta fil-file. Sewwa? U tghid hekk: *in view of the fact that during yesterday's meeting at my office* (dan is-Sur Cutajar qed jikteb lilek u lis-Sur Valletta), *you both confirmed that after examining the documents we have at hand we don't have the underlying criminal offence.* Imbaghad qal mela – *we have no option but to proceed as you both suggested in your remarks*. Jigifieri dan qed jirreferi li kemm inti u s-Sur Valletta ghedtulu nipprocedu kif ghedna ghax ma sibniex the underlying criminal offence. X' dokumenti kontu ezaminajtu dak iz-zmien?

***Ix-Xhud :***
Ghaliex f’ dak il-perjodu niftakar dik hija Mejju 2016 ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva iva, ghedtlek, iva. 23rd May.

***Ix-Xhud :***
…. kien ghadu lanqas gie l-ewwel rapport. Jigifieri konna l-preliminary report li kienu baghtu l-FIAU kien biss press cuttings u ma kien hemm l-ebda underlying criminal offence. Kien as a...

***Imhallef A Lofaro :***
U allura wara dak il-meeting sar meeting iehor mas-Sur Cutajar inti u s-Sur Valletta u s-Sur Cutajar fejn imbaghad allura kien hemm iktar provi u biddiltu l-opinjoni u forsi jaghtu li there is an underlying criminal offence?

***Ix-Xhud :***
Ma …..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma saritx review mit-2016 sal-gimgha li ghaddiet meta kont ghadek il-Head?

***Ix-Xhud :***
Ma nahsibx Sinjura. Ma nahsibx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma saritx meeting ohra!?

***Ix-Xhud :***
Ma nahsibx.

***Imhallef A Lofaro :***
La inti ma hassejt il-htiega, la s-Sur Cutajar u la s-Sur Valletta, hadd.

***Ix-Xhud :***
Ma  jidhirlix Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk, hallejtuha hekk. Erba’ snin ta’ jigifieri ghaddew! Ok.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mur sibhom il-provi llum!

***Imhallef A Lofaro :***
Issa l-provi mhux ghosfru! Jekk kien hemm provi dejjem, ghax jien ma nafx.

***Ix-Xhud :***
Mhux erba' snin ta' I stand to be corrected ..

***Imhallef A Lofaro :***
Eh u zgur; May 2016!

***Ix-Xhud :***
I stand to the ..

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb naf nghodd.

***Ix-Xhud :***
Fil-May ..

***Imhallef A Lofaro :***
F' May 2016

***Ix-Xhud :***
Imma mbaghad ..

***Imhallef A Lofaro :***
Erba' snin.

***Ix-Xhud :***
Imma fit-2017 imbaghad jigifieri inqas minn sena wara bdew l-inkjesti; jigifieri mbaghad hemmhekk ..hemmhekk imbaghad bdejna....

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk staqsejtek; ghedtlek allura wara li mbaghad bdew jingabru l-provi kif ma kellkomx meeting iehor?

***Ix-Xhud :***
Ara, minn l-inkjesti Sinjura, jigifieri ahna, jiena per ezempju fl-inkjesti lanqas biss dhalt; jigifieri kelli jigifieri zammejt anke certu kritika li kienet qed taqa' fuqi, jigifieri zammejt anke ‘l boghod milli nkun prezenti fl-inkjesti. Kelli l-ispetturi tieghi jigifieri ma hassejtni li ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe? Imma l-ispetturi tieghek jirrappurtawlek x' qed jigri.

***Ix-Xhud :***
Imma onestament, onestament Sinjura jigifieri kien hemm il-magistrat halli anke ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma l-magistrat ma jistax jassumi l-funzjoni tal-Pulizija!

***Ix-Xhud :***
Le iva; imma ghal biex kulhadd ikun komdu jahdem jiena qisni zammejt ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jahdem il-magistrat u tahdem inti ukoll hux.

***Ix-Xhud :***
..il-Pulizija tieghi maghhom; imma jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Li ma kienux qed jinfurmawk pero` qed tghid

***Ix-Xhud :***
Very briefly; xtaqt li zammejt ..zammejt pass lura anke minhabba dak li . .

***Imhallef A Lofaro :***
Allura minhabba l-inkjesti u minhabba l-kritika ma nkomplux, daqshekk.

***Ix-Xhud :***
Le mhux imhabba l-kritika Sinjura, imma…

***Imhallef A Lofaro :***
Imma hekk ghedt.

***Ix-Xhud :***
..zammejt ftit pass lura.

***Imhallef A Lofaro :***
Le, semmejtha l-kritika; semmejtha.
Dr Comodini Cahcia trid taghmel xi domandi?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Yes please. Ghadek kif ghedt Sur Abdilla illi inti qatt ma dhalt ghall-inkjesti.

***Ix-Xhud :***
Mhux qatt ma dhalt ..

***Imhallef A Lofaro :***
Qal li zamm ‘il boghod; baghat lill-ufficjali tieghu

***Ix-Xhud :***
…gieli kien hemm okkazjonijiet fejn kont inkun il-qorti u nghid ha nittawwal biex nara jekk hux kollox sew; jew ikun hemm xi xhud – xhieda ha jixhdu, nghid – ha mmur nittawwal ftit. Imma jigifieri jekk l-inkjesta per ezempju ghamlet (nivvinta) mitt seduta, niddubita jekk kontx hemm ghal hamsa kull wahda jigifieri. Jigifieri vera zammejt…

***Imhallef A Lofaro :***
U ma kienx jistaqsi lill-ufficjali lanqas x’ gara.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` ghax-xhieda li tat Daphne Caruana Galizia fl-inkjesta ta’ l-Egrant inti kont prezenti mill-bidu sal-ahhar, le?

***Ix-Xhud :***
Iva f’ ta’ Egrant …

***Imhallef A Lofaro :***
Le mhux f’ tal-Egrant qed jghid.

***Ix-Xhud :***
Jiena f’ ta’ Egrant jiena kont, pero` ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri fl-inkjesta ta’ l-Egrant inti dejjem kont prezenti ghal kull seduta?

***Ix-Xhud :***
Kwazi dejjem, kelli spettur iehor mieghi, imma kwazi kwazi dejjem kont hemmhekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, ha ndur lura fuq l-inkjesta Operation Green, ok?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-inkjesta ha nsejhulha tal-Panama Papers. Inti hejjejt rapport fl-10 ta’ Mejju 2016 fejn tajt l-opinjoni tieghek u dik l-opinjoni hija ndirizzata lil Silvio Valletta Assistant Commissioner Crime.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fih f' dan ir-rapport inti tispjega li r-rapport ta' l-FIAU ma jispjegax u ma jiddefenixxix ir-reat kriminali.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tghid ukoll li l-FIAU kienu imflikaw f' diskussjonijiet mieghek li r-reat kien ovvju, izda inti tghid – *this was never clearly illustrated. The FIAU report does not mention any proof including circumstantial evidence of an underlying criminal activity*. Jiena nixtieq inkun naf dan ir-rapport datat 10 ta' Mejju 2016 jigifieri sitt ijiem qabel il-parir ta' l-Avukat Generali jekk ktibtux inti wahdek, jekk biddillekx xi affarijiet xi hadd, u jekk qabel ma ktibtu hadtx il-parir ta' xi hadd fuq il-kontenut tieghu?

***Ix-Xhud :***
Jien ma jidhirlix; jiena nahseb li jekk minhiex sejjer zball ir-rapporti tieghi dejjem jien ghamilthom. Jigifieri ma jidhirlix. Dak ir-rapport kien as a consequence tal-meetings li ahna kellna ma' l-FIAU ma' Dr Manfred Galdes biex naraw x' ser naghmlu f' dak il-perjodu. Jigifieri u vera, dak huwa..dan huwa wiehed mill-ftit rapporti li fejn is-soltu jaghmlu l-FIAU fejn jghidu this is derive from dugs per ezempju, jew this is derive from corruption; for some strange reason qatt ma riedu jiktbu huma x' qeghdin jahsbu minn fejn gejjin il-.., dak li huma qeghdin jaghmlu konkluzjonijiet taghhom li qed jibaghtulna r-rapport.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela f' dan ir-rapport miktub minnek u li inti ghadek kif tikkonferma li ktibtu inti biss, inti tghid illi ma ma hemmx an underlying criminal activity

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Issa biex wasalt ghal konkluzjoni li ma hemmx an underlying criminal activity nafu illi ghal nies involuti inti ma bghattx. Is-servers ta' ..

***Imhallef A Lofaro :***
Is-servers ma gabhomx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Is-servers nafu li ma gibthomx.

***Ix-Xhud :***
Imma minuta. Dak ir-rapport li jiena ktibt - there is no indication of an underlying criminal activity ghaliex normalment fir-rapporti ta’ l-FIAU ikun car li huma dan l-investigazzjoni huma qeghdin jaraw li hemm the underlying criminal activity per ezempju hija drugs.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena zgur illi l-FIAU jerfghu r-responsabbilta` taghhom quddiem dan il-Bord. Jien qed insaqsi lilek fuq ir-rapport li ktibt inti u fil-konkluzjoni tieghek.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-ahhar sentenza ta’ dan ir-rapport inti safrattant tghid hekk: *however based on this report the police are requesting the Attorney General to analyse the information at hand and give his advice on this matter*. U dan wara li inti wkoll ikkonkludejt ilil m’ hemmx an underlying criminal activity. Allura l-mistoqsija tieghi hija – ma bghattx ghal dawn in-nies u s-servers ma elevajthomx. Pero` l-banek Maltin almenu tlabthom l-informazzjoni? U jekk tlabthom l-informazzjoni kollha irrispondewk jew kien hemm xi bank li irrifjuta li jirrispondik?

***Ix-Xhud :***
No dan kien qabel l-ewwel rapport ta’ l-FIAU. Jigifieri dan kien qed nitkellmu the preliminary fejn ..; dan x’ inhu dan ir-rapport li qed taqra minnu? Dan kien bejn l-ewwel ittra li kien baghatt Manfed Galdes lis-Sur Michael Cassar fejn prattikament l-iktar li kien hemm press cuttings. Imbaghad sar dak il-meeting li jiena tkellimt fuqu biex nara ezatt il-course of action kienu qeghdin jipprospetaw l-FIAU, u infatti hawnhekk hawn affarijiet li sussegwentement gew followed by an FIAU report. U mbaghad minn hemm f’ dak l-istadju ghedna ejja ha naraw x’ jahseb l-Avukat Generali ghal dak il-parir. Jigifieri sussegwentement biex inkompli ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha nkun izjed cara fid-domanda tieghi.

***Ix-Xhud :***
… biex inkompli mad-domanda tieghek ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma hijiex id-domanda tieghi Sur Abdilla

***Ix-Xhud :***
Meta sussegwentement gejna gibna gew ir-rapporti t-tnejn ohra, jigifieri l-ewwel rapport, jiena inhobb insejjahlu 'l-ewwel rapport', ta' Brian Tonna; u t-tieni rapport ta' Hillman, jiena sa fejn naf jiena il-banek kollha wiegbu u lill-banek kollha tlabna u kollha wiegbu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti zgur li l-banek kollha wiegbu?

***Ix-Xhud :***
L-ittri u d-dokumenti ma gbarthomx jien jigifieri kien hemm is-Sur Raymond Aquilina u s-Sur Antonivich Muscat li baghtu r-reqeust u gabu l-informazzjoni. Jiena ghandi amment li iva; issa jekk inti.. halli jekk hemm xi haga nieqsa halli ma jigix li qed nixhed il-falz, jigifieri jiena ghandi amment li kollha wiegbu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Trid tara l-file?

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux veru, mhux kollha wiegbu.

***Ix-Xhud :***
Jekk tghidli ghal liema qed tirreferi.

***Imhallef A Lofaro :***
Suppost taf.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Qed nirreferi ghal Bank of Valletta, Sur Abdilla. Ghax anke Pilatus wiegeb.

***Ix-Xhud :***
Le le, jien sa fejn naf jiena l-Bank of Valletta wiegeb

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela ccekkja l-file.

***Ix-Xhud :***
M' ghandix idea m' ghandix idea.

***Imhallef J Said Pullicino :***
….l-investigazzjoni minn fejn gibtha tal-banek? Bejn wiehed u iehor

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Irrid nara d-dati

***Ix-Xhud :***
Imma nahseb hawnhekk hawn jista' ikun li ..; hawnhekk hawn imnizzel li l-Bank of Valletta ma wegbux sa dak iz-zmien. Ma nafx jek wiegbux sussegwentement, jigifieri minhiex cert.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri mintix cert mela.

***Ix-Xhud :***
Ghax ma kontx involut jiena fil-gbir ta' l-informazzjoni mill-banek.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
It-talba lill-banek saret fl-20 ta' Jannar 2017. Minn dawk il- ..

***Ix-Xhud :***
Imbaghad sussegwentement jigifieri wara dak iz-zmien imbaghad Egrant nerga' insemmi u mbaghad it cascaded il-kumplament.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Lil dawk il-pajjizi li akkwistaw id-database tal-Panama Papers inti fl-investigazzjoni tieghek f' xi mument fiha tlabthom jaghtuk l-evidenza li kien hemm f' dik id-database?

***Ix-Xhud :***
Parti minnha gie iva ukoll jigifieri

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta ghamilta din it-talba?

***Ix-Xhud :***
Mela, il-Germanja prattikament Jigifieri l-Germanja originarjament ftit wara li mietet Daphne Caruana Galizia ghamlu kuntatt maghna u talbu kienu telghu xi hadd tas-CID jekk minhiex sejjer zball kien tela' Kurt Zahra li gab xi informazzjoni. Sussegwentement anke konna taljna jiena u l-Magistrat Aaron Bugeja f' Baden u gibna d-dokumenti kollha li kienu jappartjenu ghal dan il-kaz; jigifieri mhux just Egrant; Tillgate, Hernville, li kellhom fil-Panama Papers.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U minkejja dawk id-dokumenti inti xorta bqajt fuq dan ir-rapport tiegħek?

***Ix-Xhud :***
Imma dak qed nitkellmu wara dak ir-rapport. Dak ir-rapport qed nitkellmu May 16; jigifieri ahna tlajna mbaghad hemmhekk u jigifieri wara Egrant. Jigifieri Egrant qed nitkellmu li saret qed nitkellmu May 17..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara Sur Abdilla, is-Sur Imhallef qabel staqsiek, ikkwotalek mir-rapport tieghek. Il-kwotazzjoni kienet hekk; u din qed nikkwota mir-rapport tieghek stess. *When a crime or an underlying criminal activity has not yet been established it is considered that the police have to be causes before taking drastic steps of this nature. As such the police think that at the moment with the evidence in hand li illum nafu illi ma fittixtux u allura ma kellek xejn, it would be disproportionate for the police to seize the servers. There is no guarantee whatsoever that the seizure of the servers is lightly to produce the result which FIAU wishes to achieve. The information in question might not exist or might have been deleted, or might have been encrypted, this would leave the police expose to legal actions for damages by Nexia BT.* Qabel ma ghamilt din id-decizjoni ma' min tkellimt u x' kienu qalulek?

***Ix-Xhud :***
Jista' ikun li dan ir-rapport…dan il-..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jista' ikun!

***Imhallef A Lofaro :***
Jista' ikun? Kif jista' ikun imma?

***Ix-Xhud :***
Ghax kif spjegajt jaf kien hemm iktar minn meeting wiehed ma' l-AG, jigfieri....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nkunu cari; jigifieri dan li ktibt hemmhekk huwa rifless ..

***Ix-Xhud :***
Jaf li dak li ktibt hemmhekk huwa rifless ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jew bil-kontra?

***Ix-Xhud :***
…ta’ certu diskussjonijiet….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li kellek ma’ l-AG?

***Ix-Xhud :***
..li jiena ..ahna kellna ma’ l-AG; li sussegwentement imbaghad ghamilhomna bil-miktub; mhux jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma stenna sekonda ..

***Ix-Xhud :***
…jigifieri jista’ … ..thinking …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sorry; biex nifhem ftit jien Sur Abdilla; jigifieri dak li qed taqra minnu l-avukat huwa minuta tieghek jew ta’ l-AG?

***Ix-Xhud :***
Dak huwa tieghi, imma dak ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa Dottoressa, dik il-minuta saret qabel il-parir ta’ l-AG jew wara?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura jista’ ikun illi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sitt (6) ijiem qabel

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva, ha nkompli l-argument. Jista’ ikun li allura li l-AG mexa fuq il-parir tieghek?

***Ix-Xhud :***
Le le le..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux bil-kontra?

***Ix-Xhud :***
Le le, jista' ikun ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, mhux legalment ta! Bhala fatti. Ghax inti..

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi l-input li tajt inti lill-Avukat Generali

***Ix-Xhud :***
Le le le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Irridu nkunu fair anke ma' l-AG

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalhekk qed insaqsih.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Irridu nkunu fair ma' l-AG.,

***Ix-Xhud :***
Le le le

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk inti l-AG ghandu parir tekniku illi jista' jigri hekk hekk u hekk, u mbaghad joqghod attent l-AG. Hu qed jirrifletti forsi dak li ghedtlu inti u mhux bil-kontra!

***Ix-Xhud :***
Le le

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax ahna ghall-ewwel konna qed nehduha bil-kontra din.

***Ix-Xhud :***
Le ta..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li l-AG qal xi haga u .

***Ix-Xhud :***
Le Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti tajtu input lill-Avukat Generali, le?, dar fuqek. Staqsiek l-opinjoni tieghek.

***Ix-Xhud :***
Issa thinking a little bit, ghax ovvjament l-affarijiet tant graw affarijiet minn dak iz-zmien ‘l hawn ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva all right all right, nifhmek.

***Ix-Xhud :***
Nemmen li dak kien riflessjoni ta’ diskussjonijiet li ahna kellna ma’ l-Avukat Generali ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma’ l-AG.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad nahseb ghedna ahjar tipo dak il-parir jaghtihulna dak li konna ga tkellimna..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma tajtu input inti meta mort ghandu ghal parir

***Ix-Xhud :***
Ovvjament jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Tajtu l-input tieghek.

***Ix-Xhud :***
Ovvjament l-Avukat Generali mhux ha tghidlu…, jiena qatt ma ghamiltha, twaddabblu l-file hemm u tghidlu - f’ idejk!

***Imhallef A Lofaro :***
U ma tarax! Da zgur li le.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri kien hemm sessions ta' diskussjoni; dejjem ikun hemm sessions ta' diskussjoni…

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
..u hsibijiet u..; mhux l-ewwel dabra li kissirna mohhna fuq certu affarijiet jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Normali hux.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U lanqas nifhem jien li kien hemm xi ftehim bejnietkom li tiehdu din il-linja u kulhadd jahdem fejn irid

***Ix-Xhud :***
Le le lanqas qatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Lanqas ghandu jkun hekk hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Le le; fis-sens ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-ewwel tara l-minuta tieghek u mbaghad l-Avukat Generali.

***Ix-Xhud :***
Ehe, imma jista' ikun dak peress li huwa vera close ta' l-Avukat Generali jaf li kien hemm ..seta' kien .., dak huwa rifless ta' dawk id-diskussjonijiet, imbaghad sussegwentement ghedna ahjar dak li gie diskuss ma jkunx biss ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..issa l-Avukat Generali ..

***Ix-Xhud :***
..fuq dak li jien ktibt, imma jkollna xi haga naqra iktar..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik forsi jiccaraha l-AG, forsi.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, jigifieri jidher illi mir-rapport tieghek u mil-parir ta' l- Avukat Generali li t-tnejn huma datati f' Mejju ta' l-2016 hemmhekk wehidkom jew flimkien – individwalment jew flimkien, iddecidejtu li ma televawx is-servers ta' Nexia BT. Minn dak iz-zmien sal-lum qatt gew elevati dawn is-servers id-data?

***Ix-Xhud :***
Gew; gew elevati ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta?

***Ix-Xhud :***
Gew elevati ghal darba darbtejn tlieta nahseb.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta?

***Ix-Xhud :***
Mela gew elevati waqt Egrant

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Id-dati.

***Ix-Xhud :***
L-ghadda, l-ghada ezatt jigifieri, on the …, mela jekk tiftakru milli ghedt l-ahhar darba, meta harget Egrant on the 20th of April tas-'17, 20th of April of '17 kemm Pilatus Bank u kemm Nexia BT tpoggew il-pulizija maghhom u ma dahal hadd hlief l-ghada 21st dahal il-magistrat l-ewwel persuna biex jispjega; jigifieri l-ewwel morna Pilatus Bank bdejna minn hemmhekk u mbaghad mal-magistrat .., jigifieri lanqas warrant. Jekk tghidli tini l-warrant ufficjalment lanqas warrant m' hemm. Jigifieri gie l-magistrat prezenti ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nafu li ghalaqtu l-bank wara li hareg kulhadd; fhimna dik l-ahhar darba.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad minn hemmhekk ga spjegajt ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kien telaq hux is-sinjur bil-bagalji wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kien telaq kulhadd.

***Ix-Xhud :***
Ga spjegajt. U l-istess jigifieri n-Nexia BT. Imbaghad ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri qed nghidu sena wara?

***Imhallef A Lofaro :***
Xi sena wara

***Ix-Xhud :***
Imbaghad regghet ittiehed it-tieni darba, plus jigifieri ittiehed again a copy of a copy, ghax ahna dejjem inhallu kopja jigifieri. Jigifieri niehdu l-originali u nhallu kopja. A copy of a copy kien ittiehed f' inkjesta ohra, li nahseb fl-inkjesta ta' l-ewwel wahda, Keith Schembri u Brian Tonna, tal-Magistrat Natasha Galea Sciberras; dak zgur. U qablu wkoll nahseb li jekk minhiex sejjer zball tqabblu l-kopji li originarjament kien hemm f' ta' Egrant.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela ha nerga' nikkwotalek sentenza mir-rapport tieghek. Inti ghedt - *there is no guarantee whatsoever that the seizure of the service is lightly to produce the result which FIAU wishes to achieve. The information in question might not exist or might have been deleted or might have been encrypted*. Tista' tispjegali kif f' Mejju ta' l-2016 inti kont diga` inkwetat li l-informazzjoni setghet giet deleted jew encrypted imma thalli minn l-inqas sena biex tmur televa dawk is-servers. Jien dik li rrid nipprova nifhem.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux gew encrypted u gew deleted…!

***Ix-Xhud :***
Ma fhimthiex il-mistoqsija

***Imhallef A Lofaro :***
Jien fhimtha imma.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela ha nerga' nirripetihielek. Inti hawnhekk ghedtilna fir-rapport tieghek - *The information in question might not exist or might have been deleted or might have been encrypted*. Nifhem u naqbel mieghek illi inti f' dak il-gurnata l-10 ta' Mejju 2016 kont inkwetat illi l-informazzjoni ma ssibhiex ghax tkun giet ikkancellata jew tkun giet encrypted. Allura prova spjegali kif taghmel decizjoni li thalli sena minkejja li inti konxju li tista' tigi deleted jew encrypted, thalli sena tghaddi biex tmur tigbor dik l-informazzjoni.

***Ix-Xhud :***
Dik kienet decizjoni li ahna hadna konxjament fis-sens wara l-parir ta' l-Avukat Generali wkoll li nistennew; ma nahsibx li ghandi nerga' ....

***Imhallef A Lofaro :***
Imma allura ghalfejn thalli sena ohra?

***Ix-Xhud :***
… nera' nirrepeti; jigifieri ...

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ahna min? Min kien involut f' din id-decizjoni?

***Imhallef A Lofaro :***
Hu, Silvio nahseb ..

***Ix-Xhud :***
Ovvjament il-Kummissarju, is-Sur Valletta, jiena, u nahseb li b' xi mod hadna il-feedback ta' l-ispetturi ukoll; jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma d-decizjoni taghkom it-tlieta

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Tassumu r-responsabbilta ta' dik id-decizjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Bilfors irid jassumiha.

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Intom iddecidejtuha din.

***Ix-Xhud :***
Meta inti tizen ..; dak huwa parti minn xoghlna Sur Imhallef,

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri meta tizen certu affarijiet dawk it-tip ta' decizjonijiet tehodhom kontinwament hux.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tigini l-kurzita` ha nipprova nifhem kif tahdmu ta, ghax jien biex nifhem kif tahdmu difficli. X' possibbilta` hemm li dan il-parir li tajt inti u l parir li ta l-Avukat Generali b' xi mod ikunu waslu Kastilja? X' possibbilta` hemm?

***Ix-Xhud :***
M' ghandix idea. Jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
M' ghandekx idea x' jigifieri?  Jigifieri li jista' ikun li waslu?

***Ix-Xhud :***
Fis-sens jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jista' ikun li tasal din?..

***Ix-Xhud :***
Jiena ma hadthomx jien u ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, qed nistaqsik jekk tistax teskludi li jaslu jew le. Meta tghidli "m' ghandix idea" xi tfisser din?

***Ix-Xhud :***
. .m' ghandix idea ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma teskludi; tghid - isma' zgur li ma kienux jafu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Seta' wasal qed tghid inti. Qed tghid li seta' wasal. Ma nafx x' inhi; ha nifhem ta.

***Ix-Xhud :***
Ma nafx, ma ghandix idea; qatt ma ghamiltha. Qatt ma ghamiltha, qatt ma ghamiltha din il-mistoqsija li..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, u nahseb li qatt ma kont f' sitwazzjoni bhal din. Jigifieri inti l-parir tieghek u ta' l-Avukat Generali jista' jasal direttament lill-persuni li huma b' xi mod involuti. Dana x' possibbilta`? X' security hemm fuqhom dawn l-affarijiet? Tghidli ma nafx. Mhux possibbli x' jigifieri?

***Imhallef A Lofaro :***
Il-file kien accessibbli ghal kullhadd?

***Ix-Xhud :***
Bhala security tipo l-file jimxi normali jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kulhadd seta' jarah

***Ix-Xhud :***
Bhal ma tista' tara, mexa ghand is-Sur Valletta, mexxa ghand il-Kummissarju...

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dana qed nindagaw xi haga bis-serjeta` qed nghidu …

***Ix-Xhud :***
Mar ghand ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax qed nindagaw xi haga bis-serjeta` li l-persuni involuti jista' ikun jaf x' qed nghid jien, x' qed jghid l-iehor! Ghax common hux!

***Ix-Xhud :***
Bhla ma tghallmuni intom Sinjuri, kollox possibbli taht dak li qeghdin taghmlu, kollox possibbli jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma l-file ma kienx maqful

***Imhallef J Said Pullicino :***
..tittrattaniex hekk; mhux kollox possibbli …

***Ix-Xhud :***
Le ta.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienx maqful il-file

***Ix-Xhud :***
Bhala movements kien jimxi normalment .. ghax anke skont id-direttivi tal-Kummissarju Micahel Cassar kien jimix in a sealed envelope jigifieri. Jiena jekk ser imexxieh, u anke l-ispettur..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ovvjament in a sealed envelope, ikun in a sealed envelope, l-importanti fejn imur.

***Ix-Xhud :***
L-envelope ser jinfetah; imma jekk hemm xi hadd li jehodlu photocopy, jew photocopy ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tistax teskludija din.

***Ix-Xhud :***
… jiehu ritratt..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…mhux b' dak il-mod. Id-domanda ma kinetx dik; u inti ..

***Ix-Xhud :***
Le le fis-sens ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…fhimtni u jiena fhimtek, tajjeb? Jigifieri ma noqghudx nilghabu tal- ..

***Ix-Xhud :***
Iva, le le fis-sens ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ghax id-domanda hija semplici. Il-parir tieghu ta' l-Avukat Generali jekk setax jew le jasal ghand min kien koncernat

***Imhallef A Lofaro :***
Mintix teskludija.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…b' mod dirett; jew minn ghandek, jew mill-Kummissarju, jew minn l-AG, whatever.

***Ix-Xhud :***
Ma neskludix.

***Imhallef A Lofaro :***
Hu zgur ma kienx.

***Ix-Xhud :***
Ma neskludix.

***Imhallef A Lofaro :***
Inti ma kontx

***Ix-Xhud :***
Le jien ma kontx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal haddiehor ma jistax jirrispondi hu, mhux hekk?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri  jekk fhimt sew, nonostante li kontu tafu illi kien hemm possibbilta`, anzi probabbilta` illi l-provi li ridtu kienu ser jigu compromised intom stennejtu sena sakemm mortu taghmlu xi haga u b' din is-sena intom agevolajtu proprju nies li kellkom interess fihom.

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mhux hekk hu?

***Ix-Xhud :***
Nahseb ga spjegajt Sur Imhallef, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Tikkonferma, le?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Din hi l-konkluzjoni allura.

***Ix-Xhud :***
…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li intom volontarjament konxjament hadtu decizjoni illi intom agevolajtu n-nies illi kellkom interess fihom

***Ix-Xhud :***
Le ta. Ma naqbilx mieghek..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma ghetlekx li kienet l-intenzjoni jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kif tista' tasal ghal konkluzjoni ohra?

***Ix-Xhud :***
Ma kienx hadna decizjoni biex nagevolaw.

***Imhallef A Lofaro :***
.. imma jirrizultaw ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le le, id-decizjoni kienet illi tistennew.

***Ix-Xhud :***
Id-decizjoni taghna kienet ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li tistennew.

***Ix-Xhud :***
…li x' hin ikollna l-istampa….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghalhekk, li tistennew ..

***Ix-Xhud :***
…kollha..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela, kumbinazzjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Li jistennew.

***Ix-Xhud :***
…li ghandna niehdu ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela kumbinazzjoni stennejtu sena, u f' dik is-sena mbaghad mhux talli li gew compromised il-provi, li kontu tafu li ser jigu compromised sena qabel!, talli mbaghad l-investigazzjoni kollha spicca stallata.

***Imhallef A Lofaro :***
Fixxa, kollox fixxa gie.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U biex inkomplu nghaqdu kollox fit-3 ta' April tat-2016 infethu l-Panama Papers; qam dak l-istorbju kollu, kellkom dak l-indagni anke mal-banek, imur xi hadd f' Pilatus Bank biex johrog xi haga bil-lejl, Malta kollha thares lejh dan, u qisu ma gara xejn ghax il-Pulizija taf x' qed taghmel. Ma nafx x' inhi s-sitwazzjoni

***Ix-Xhud :***
Ga' spjegajt. Ga spjegjat fuqha din. U l-investigazzjonijiet ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Spjegjat, pero` spjegajt ghal dak il-mument..

***Ix-Xhud :***
…li ghamilna fuq ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sorry sorry, spjegajt ghal dak il-mument. Illum l-ispjega tieghek ghal dak il-mument qed narawha taht dawl iehor, tajjeb?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Domandi iktar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, il-parir ta' l-Avukat Generali jghid – *to demand*.., jigifieri qed jindirizza lilkom u qed jghidilkom ghandkom titolbu *a high level of reasonable*

*suspicion in deciding whether the proof available justifies such a measure.* Jigifieri li intom ghandkom issegwu a high level of reasonable suspicion biex tiddeciedu jekk televawx id-data min fuq is-servers jew le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le le, il-parir ta' l-Avukat Generali.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-parir ta' l-AG.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Id-diskors tieghek illum f' din ix-xhieda kien illi intom titolbu beyond the resendable doubt biex issejhu nies ghall-interrogazzjoni. Il-ligi tghidilna illi l-Pulizija ghandhom bzonn biss suspett ragonevoli. Tista' tispjegali jekk il-high level of reasonable suspicion u l-beyond reasonable doubt addottajtuhiex ghal dan il-kaz biss jew intomx taddottawha ghal Cikku l-Poplu kollu? Ghax fil-kaz ghandna problemi kbar.

***Ix-Xhud :***
Kif ga spjegajt, ga spjegajt, kemm ilna, specjalment kemm ilna llum il-gurnata bir-rule of disclosure u bl-avukat prezenti dan. Qed .., jiena il-parir li dejjem tajt ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak iz-zmien, dak iz-zmien ma kienx hemm.

***Ix-Xhud :***
Il-parir li dejjem.. ghax … jekk hux dejjem naddottawh. Il-parir li jiena dejjem naghti lill-ufficjali tieghi hija biex jesegwu dik il-level ta' comfort, ghaliex kellna hafna kazijiet li wara hafna xoghol spiccaw suf f' hafna postijiet. Jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-problema hi li hawnhekk qed nitkellmu fuq xi haga li kieku dak li suppost sar – sar, jista' ikun li ma kienx jigri l-assassinju; imma dawn hemm qeghdin. Issa dan mhux komuni.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, din hija xi haga.., ftakru li 17 Black biex instab ta' min kienet 17 Black hadna iktar minn sentejn biex l-FIAU gabu ta' min kienet 17 Black.

Jigifieri xorta konna ser niehdu, kien hemm ammont ta' xoghol x' isir. U ma nahsibx li kieku hadna xi azzjoni fuq Hillman jew fuq Keith Schembri u fuq ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma nahsibx, imma insomma; dik halliha.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha nmimxu fuq xi haga ohra Sur Abdilla. Ara, f' Gunju, ha nirreferi ghal minute 25 li hija ffirmata minnek u ha naghddihomlok il-karti biex tkun tista' tarhom. Inti hawnhekk ktibt minute 24 – *no longer required and the AG's advice is no longer needed….*

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
*…as these cases will now continue to be investigated separately by the respective magisterial inquiries. The police will assist with these inquires and will proceed with any criminal prosecuting of any subjects once the conclusions of the magisterial inquiries are formulated.* Jien jigifieri ghandi nifhem illi inti ghamilt id-decizjoni li l-Pulizija ser ikomplu biss li jassistu lill-magistrati inkwerenti u li kienu ser jistennew lill-magistrati jikkonkludu?

***Ix-Xhud :***
Ehe ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri intom waqqaftu kompletament minn xoghlkom?

***Ix-Xhud :***
Le le mhux waqqafna ta! Ahna…, din spjegajtha diversi drabi, imma jew qed nigi miftiehem hazin jew x' jismu. Fix-xoghol taghna, ahna specjalment l-Economic Crimes huma ftit dawk l-okkazjonijiet li l-Pulizija tista' taghmel xoghol polizjesk outside a magisterial-.... meta jkun hemm magisterial inquirey. Ghaliex certu decizjonijiet jew certu findings li ahna niddependu hafna fuqhom biex inkomplu minn l-investigazzjonijiet taghna jiddependu hafna minn esperti teknici li nqadduhom jew jitqabbdu proprju ghax ahna ma ghandiex expertise. Jiena billi fil-kors ta' magisterial inquiry nibghat ghan-nies u nkellimhom minghajr ma ghandi l-konkluzjonijiet ta' dak l-espert li tqabbad biex janalizza nkun qed nibghat ghalihom just for the sake li nkun bghatt ghalihom, jafu forsi.. nghidha bil-Malti, jghadduna passata u ma jkollix biex nirribatti dak li qed jghid, just for the simple reason forsi ghal media jew ghal ghajnejn in-nies, li l-Pulizija baghtet ghal certu nies u xorta nibqghu nigu

kritikati ghax ghadna ma ressaqniex. Jigifieri meta jkun hemm magisterial inquires fix-xoghol taghna, din mhux qed nitkellmu bhal murders jew drogi jew ha nkomplu mix-xhieda! Hafna minn l-investigazzjonijiet taghna fejn ikun hemm il-magisterial inquires ahna dipendenti hafna mill-konkluzjonijiet li jkollhom l-esperti imqabbdin f' dik l-inkjesta.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Abdilla, fl-ahhar xhieda inti kwazi kwazi ghedtilna li qerrejt mal-Magistrat Aaron Bugeja u tak il-parir illi inti bhala Pulizija ghandek tkompli tinvestiga u turi li qed taghmel xoghlok. Allura nerga' nistaqsik ..

